

**DRAGO & CINI**

FIL-FINALI TAL-EBSA CHAMPIONSHIP LI SARU F'PAJJIŻNA



**PITCH 22**

TITNIEDA L-PJATTAFORMA GĦALL-AMMINISTRATURI



**WATERPOLO PITCH**

ON TRACK IX-XOGĦOL F'BIRŻEBBUĠA



**STARTING BLOCKS GODDA**

FIL-PIXXINA NAZZJONALI

# SPORTMALTA



Photo : DOI - Clifton Fenech

Il-kumpless tal-Qroqq fiċ-ċerimonja tal-ftuħ uffiċjali tas-South Block

## Inawgurat is-South Block tal-Pixxina tal-Qroqq

**Nhar is-Sibt li għadda propju fit-2 ta' Mejju 2015, ġie nawgurat is-'South Block' fil-Pixxina Nazzjonali tal-Qroqq, xogħlijiet li swew madwar 800,000 ewro.**

**Flimkien mas-'South Block' ġew ukoll inawgurati l-*istarting blocks* li issa se jkunu kollha ġodda. Il-proġett kollu sar minn fondi tal-gvern ċentrali.**













*Xi wħud mir-ritratti tas-serata*

**Fost ix-xogħlijiet li saru f'dawn l-aħħar xhur fil-Kumpless tal-Qroqq, kien hemm planki ġodda li fis-snin li għaddew kienu qed iġarbu ħsarat kbar minħabba l-ammont ta' ilma li kien jidħol mix-*showers*. Tneħħew il-ħitan u fejn kien hemm bżonn saru ħitan tal-brikks u diviżorji ħfief. Ingħatat wkoll kisja ta' *membrane* lil dawk il-partijiet li kienu esposti l-aktar għall-ilma. Minbarra li żdiedu ċ-*changing rooms*, u nbnew showers ġodda, l-binja saret waħda li hija aċċessibbli għal kulħadd, grazzi wkoll għall-intervent tal-KNPD. Minbarra hekk issa wieħed isib sala taż-żfin attrezzata.**

**Waqt l-inawgurazzjoni uffiċjali tkellem is-Segretarju Parlamentari Chris Agius li fuq deċiżjoni għaqlija x-xogħol sar f'perjodu li l-pixxina kien hemm l-inqas attiva' biex b'hekk ma ġewx imtellfa l-attivitajiet li jsiru fl-uniku pixxina li għandna f'pajjizna. Agius kompla jispjega kif fil-futur qarib ser isir aktar xogħol fosthom fuq id-deck tal-istess pixxina.**

**Iċ-Ċermen tal-Kunsill Malti għall-Isport Luciano Busuttil tkellem dwar l-importanza tal-isport tal-baħar f'pajjiż bħal Malta. Huwa kompla jgħid li l-investiment li qed isir qed jitgawda min-nies ta' kull eta'.**

**L-Aġent kap tal-Kunsill Malti għall-Isport Mark Cutajar spjega kif l-għaqda hija ċ-ċavetta tas-suċċess li għandna Sport Malta. L-entużjażmu tal-ħaddiema jgħin biex jingħelbu l-ostakli, u l-isfidi jsiru opportunitajiet.**

**Iċ-ċerimonja kienet imżewqa bit-talent ta' Joseph Chetcuti u ż-żeffiena Anthea Żammit, leħen Tiziana Calleja u l-kitarist Eric Camilleri u t-tim tal-għawm sinkronizzat flimkien mal-kowċ tagħhom Saho Harada. Is-serata kienet preżentata minn Amanda Spiteri Grech.**

**Fost dawk preżenti kien hemm il-President tal-ASA Joe Caruana Curran, il-kappillan tal-Msida Norman Zammit, flimkien mal-periti u kuntratturi li ħadmu fuq il-proġett.**

# Il-Kumpless Sportiv tal-Qroqq

**Fil-Kumpless tal-Qroqq insibu l-unika pixxina olimpika tà 50m li tinsab f'Malta kif ukoll pixxina oħra zgħira ta' 25m li tissejjaħ 'diving pool' - dan minħabba il-fatt li f'din il-pixxina partikolari jista' jsir taħriġ u kompetizzjonijiet tal-qbiż mill-għoli.**

**F'dan il-kumpless insibu ukoll 4 squash courts, fitness centre u sala fejn jintlagħbu kompetizzjonijiet bħall-handball, il-basketball u l-volleyball. Iż-żewġ squash courts u s-sala jiġu amministrati mill-KMS wara s-sitta ta' fil-għaxiija mit-Tnejn sal-Ġimgħa, is-Sibtijiet u l-Ħdud. Dan seħħ wara li kien sar ftehim bejn il-KMS u l-Università tà Malta biex dawn il-faċilitajiet jkunu użati tul il-ġimgħa kollha.**

**Ħafna huma dawk l-assoċjazzjonijiet li għandhom l-uffiċini tagħhom f'dan il-kumpless, kif ukoll entitajiet mhux governattivi (NGO). Fost dawn insibu l-Handball Association, l-ASA, Triathlon Malta u Special Olympics Malta. Bosta huma l-klabbs tal-għawm lokali li għandhom ukoll kamra fuq id-deck tal-pixxina. Dawn il-faċilitajiet kollha jagħmluha possibbli biex numru kbir ta' dixxiplini sportivi jagħmlu kemm it-taħriġ tagħhom kif ukoll jamministraw l-assoċazzjonijiet tagħhom mill-kumpless.**

**Il-pixxina tiġi wzata s-sena kollha kemm minn klabbs lokali kif ukoll minn klabbs u timijiet barranin tal-għawm u waterpolo. F'dan il-kumpless isiru l-kompetizzjonijiet kollha nazzjonali u internazzjonali tal-għawm u tal-waterpolo. Il-KMS jagħti sussidju lill-assocazzjoni tal-għawm (ASA) biex hi tkun f'pożizzjoni tajba biex dawn il-kompetizzjonijiet isiru. L-ASA għandha kalendarju intensiva tà tlielaq tal-għawm li jilħaq il-quċċata tiegħu bil-kampjonati nazzjonali li jsiru f'Lulju.**











*Il-Kumpless tal-Qroqq*











**Ritratt 1: KMS Open Day Mejju 2015**

**Ritratt 2: Easter Swimming Mtg April 2014**

**Ritratt 3: L-Iffirmar tal-ftehim tal-użu tal-Pixxina bejn il-KMS u l-ASA**

**Ritratt 4: Taħriġ tal-għawm fil-Pixxina**

**Ritratt 5: Atleti barranin jużaw il-pixxina għat-taħriġ**

**Isir ukoll l-*Easter Meeting* fejn bosta klabbs lokali itellqu mà klabbs barranin li jiġu fil-gzejjer tagħna speċifikament għal dan l-avveniment.**

**F'dawn l-aħħar snin twieled sport ġdid hawn Malta: dak tas-'*synchronised swimming*'. It-tim diġa beda jagħmel suċċess barra minn xtutna. It-taħrig ta' dawn id-dixxiplini akkwatiċi jsir tul il-ġimgħa kollha fil-kumpless.**

**Wieħed pero' jrid jenfasizza li l-pixxina mhix biss riservata għall-klabbs. Ħafna huma l-membri li jagħmlu użu minnha għat-taħrig personali tagħhom, jew bħala eżerċizju. L-iskema *Senior Citizens on the Move* fetħet il-bibien tal-kumpless ukoll għall-anzjani li jistgħu jgħumu bejn it-tmienja tà fil-għodu u nofsinhar bla ħlas mit-Tnejn sal-Ġimgħa. L-*isquash courts* jistgħu jiġu użati ukoll mill-pubbliku u dawn jisgħu jagħmlu l-*bookings* tagħhom direttament mis-sit tal-KMS li huwa www.sportmalta.org.mt**

**KMS jorganizza ukoll programmi t'attivitajiet tul is-sena kollha f'dan il-Kumpless. Il-programm tà Skolasport li jsir kull nhar tà Sibt jiġbor fih attivitajiet bħall-għawm, logħob u attivitajiet fis-sala, squash, judo u triathlon għal tfal taħt is-sittax is-sena. Fis-sajf mit-Tnejn sal-Gimgha issir il-programm '*Summer on the Move*' bejn it-tmienja ta' fil-għodu u nofsinhar.**

**Kif issemma' qabel saret manutenzjoni fis-South block u nbiddlu l-istarting blocks. Hu maħsub li l-manutenzjoni f'dan il-post titkompla bi proġetti oħra.**

**Kuntatt: Dermot Galea**
Emejl: dermot.galea@sportmalta.org.mt
Telefon: 2203 6301

## *Attivitajiet Sportivi oħra*







**Ritratt 1: Team Noel**
Kamp ta' taħriġ fil-Belġju għall-12-il atleta mill-klabb tal-Kickboxing Ying Yang. Il-kamp ta' taħriġ kien immexxi miċ-ċampjin tad-dinja Osman Yigin.

**Ritratt 2: Regatta**
Clyde Cutajar, Dennis Thornton, Clive Casha, u Jose Mariano Rodriguez Schraner rebħu midalja tal-bronż fl-ewwel kompetizzjoni nternazzjonali li ħadu sehem fiha.

**Ritratt 3: Sports Days**
Ir-ritratt juri waħda mill-Isports Days organizzati mill-Sport Promotion Unit għall-Kullegg San Nikola. Dawn l-isports days huma organizzati ta' kuljum fil-kumplessi u/jew fl-iskejjel mill-għalliema tal-istess unit.

## *Riżultati Sbieħ għall-Malta*








**Ritratt 1: Blackball**
Leon Azzopardi, rebbieħ tal-kategorija ta' taħt it-18-il sena tal-European Blackball Championship.

**Ritratt 2: Bowling**
Żewġ midalji tad-deheb għall-Maltin fil-Kampjonati tal-Mediterran. Waħda waslet fil-kategorija tat-tim u l-oħra ntrebħet minn Sue Abela.

**Ritratt 3: Weightlifting**
Midalja tal-bronż għat-tim nazzjonali Malti fil-Kampjonati tal-pajjiżi ż-żgħar Ewropej li saru f'Monaco

## *Attivitajiet oħra*








**Ritratt 1: Yachting Malta**
Imnedija Yachting Malta, inizzjattiva bejn the Royal Malta Yacht Club and the government

**Ritratt 2: Golf to Schools**
Proġett pilota fl-iskejjel primarji tal-Kulleġġi San Ġorġ u Santa Margerita.

**Ritratt 3: Ġinnastika**
Iffirmat MOU bejn Malta u ċ-Ċina fuq l-Isport

# Il-Flexi Training Scheme u l-għoti tal-assistenza finanzjarja

**24 atleta iffirmaw il-kuntratti sabiex jibdew jiffurmaw parti mill-Flexi *Trainin Scheme*, tal-Kunsill Malti għall-Isport. L-atleti li kienu ġejjin minn dixxiplini sportivi differenti wegħdu li ser jkunu qed jaqsmu il-ħin tax-xogħol tagħhom mat-taħriġ sportiv. Fl-istess ċerimonja f'Villa Bigħi l-Kalkara, 39 għaqda sportiva oħra kienu preżentati b'wegħda ta' assistenza finanzjarja. Dan huwa xhieda tal-investiment għaqli li qed jagħmel il-gvern fl-isport.**

**Is-Segretarju Parlamentari Chris Agius qal li l-Gvern qiegħed jara kif jgħin u jinvesti fl-isforzi li jagħmel il-volontarju fl-isport. Ir-ristruttura li qed isir kemm fil-KMS u kif ukoll fl-iskemi diversi li toffri din l-entita' qed isiru sabiex il-fondi jkunu kkontrollati aħjar u minnhom jibbenefikaw minnhom aktar għaqdiet. Madanakollu, kompla jgħid is-Segretarju Parlamentari, r-ristrutturar ma kienx popolari ma kulħadd għaliex issa bosta skemi huma aktar regolarizzati.**

**L-Isport permezz tal-KMS, ser ikun qiegħed jimraħ fil-qlub tal-irħula u bliet tagħna. L-Isport ma' jistax jeskludi, għaliex speċjalment fi gżira bħal tagħna, għandu bzonn lil kulħadd sabiex ikun aktar l'fuq fl-aġenda nazzjonali u fuq il-mappa internazzjonali.**

**Iċ-Ċermen tal-Kunsill Malti għall-Isport Luciano Busuttil semma kif il-KMS qiegħed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jassisti lill-għaqdiet b'mezzi finanzjarji, anke jekk il-KMS jixtieq li l-fondi huma akbar sabiex jibbenefikaw minnhom aktar għaqdiet. Dr Busuttil tkellem dwar ix-xogħol strutturali li qed isir fil-kumplessi diversi, pero tkellem dwar il-fatt li l-KMS qed jinvesti wkoll fin-nies b'korsijiet lill-amministraturi li jaħdmu fis-servizz pubbliku.**












**Waqt id-diskors tiegħu l-Aġent Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Isport, Mark Cutajar, spjega kif l-iskemi ġew mibdula biex ikun hemm aktar trasparenza bi flus il-poplu. Il-*Flexi Training Scheme,* issa qed tagħti l-frott mixtieq wara li nħoloq bord apposta u ndipendenti mill-KMS u s-Segretarjat sabiex l-proċess ikun aktar trasparenti. Intant spjega kif l-KMS qed jaġġorna ruħu sabiex ikun aktar milħuq u titnaqqas il-burokrazija fejn fost l-oħrajn ser tkun qed tiġi varata *webpage* ġdida tal-KMS. Minbarra hekk qed ikun strumentali f'attivitajiet nazzjonali**

# IPES









**F'April saret iċ-ċelebrazzjoni annwali tal-gradwazzjoni tal-Istitut tal-Isport u l-Edukazzjoni Fiżika (IPES), tal-Universita' ta' Malta. B'kollox iggradwaw 47 student fi tlett korsijiet differenti li gew offruti matul is-sena akkademika 2013/14. Il-korsijiet kienu 'Pre Tertiary Certificate in the Foundations of Coaching Course', 'Foundation Course in Exercise and Fitness' u 'Advanced Course in Exercise and Fitness'. Il-korsijiet offruti f'dan l-Istitut huma ffinanzzjati mill-Kunsill Malti għall-Isport u jsiru bil-kollaborazzjoni taż-żewg entitajiet.**

**Fost id-diskorsi tal-okkażżjoni kien hemm dak tal-Aġent Kap tal-KMS Mark Cutajar u s-Segretarju Parlamentari Chris Agius li t-tnejn saħqu li l-kunsill jinvesti f'dawn il-korsijiet għax jemmen fl-importanza u l-bżonn li aktar student jiksbu ċertifikazzjoni fl-isport. Huwa qal li l-isport Malti għandu mhux biss jinvesti fl-atleti imma anke fl-amministraturi.**





# Regatta ta' Jum il-Ħelsien

**Id-distrett ta' Birżebbuġa rebaħ ir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien għall-ewwel darba fl-istorja tar-Regatta Nazzjonali li saret fil-Port il-Kbir. Birżebbuġa approfittaw minn pika bejn d-distretti ta' Bormla u l-Marsa li bdew bħala favoriti li jirbħu din ir-regatta. Kategorija B kienet mirbuħa mid-distrett tal-Kalkara. Huma kienu segwit mill-viċin mid-distrett ta' Marsamxett li temm din il-ġurnata ta' tlielaq, żewġ punti biss taħt ir-rebbieħa.**
**Ir-rebbieħa ta' kull tellieqa kienu hekk:**

| Kategorija A | L-1 post | It-2 Post | It-3 Post |
|---|---|---|---|
| Dgħajjes (A) tal-Midalji b'erba' mqadef | B'buġa | Isla | Kalkara |
| Frejgatini b'żewġ imqadef u tmunier | B'buġa | Marsa | Bormla |
| Dgħajjes (C) tal-Pass b'żewġ imqadef | Marsa | Bormla | B'buġa |
| Kajjikki b'żewġ imqadef | Bormla | Kalkara | Marsa |
| Dgħajjes (B) tal-Pass b'erba' mqadef | B'buġa | Marsamxett | Kalkara |

**Klassifika Finali: B'buġa 54, Isla 40, Marsa 36, Bormla 28, Marsamxett 8, Kalkara 6**

| Kategorija B | L-1 post | It-2 Post | It-3 Post |
|---|---|---|---|
| Dgħajjes (C) tal-Pass b'żewġ imqadef | Marsamxett | B'buġa | Birgu |
| Kajjikki b'żewġ imqadef | Kalkara | Isla | Marsa |
| Dgħajjes (A) tal-Midalji b'erba mqadef | Birgu | Kalkara | Marsamxett |
| Frejgatini b'żewġ imqadef u tmunier | Kalkara | Isla | Birgu |
| Dgħajjes (B) tal-Pass b'erba' mqadef | Bormla | Marsa | Isla |

**Klassifika Finali: Kalkara 44, Marsamxett 42, B'buġa 36, Birgu 30, Isla 16, Marsa 4**









**Il-preżentazzjoni tal-paljijiet u trofej saret minn bosta personalitajiet distinti li segwew ir-Regatta mid-dwana fil-Belt Valletta fosthom Dario Crozzoli mill-Federazzjon Italiana Canottaggio, l-Ambaxxatur tal-Irlanda għal Malta Pádraig Mac Coscair, u l-President tal-Kumitat Olimpiku Malti Julian Pace Bonello.**

**Is-shields taż-żewġ kategoriji lir-rebbieħa kienu preżentati mis-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazżjoni, ż-Żgħażagħ u l-Isport Chris Agius ċ-ċermen tal-Kunsill Malti għall-Isport Luciano Busuttil.**





# Family Fun Day organizzata mill-KMS









**Nhar il-Ħadd, 3 ta' Mejju l-Kumpless Sportiv tal-Qroqq fetaħ l-bibien tiegħu għall-'Family Fun Day'. F'din l-okkazzjoni, li kienet issaportjata mill-Kristal, kien hemm diversi attivitajiet għall-familja kollha, fosthom kompetizzjonijiet tal-għawm u xows taż-żfin sinkronizzat kif ukoll logħob tal-Waterpolo. Il-pubbliku seta' jassisti għal-logħba bejn l-atletirtirati li għamlu isem fil-Waterpolo Malti u t-tim Nazzjonali ta' taħt is-17-il sena.**

**Fis-sala l-ġdida taż-żfin fis-*South Block* kien hemm klassijiet taż-Żumba, Hip Hop, Dance Fitness kif ukoll Circuit Training filwaqt li fit-*Training Hall* saru logħob tad-darts, table football, table tennis u squash.**

**Il-parteċipazzjoni f'dawn l-attivitajiet kienet kollha bla ħlas iżda l-poplu kien mħeġġeġ jagħti donazzjoni lid-Dar tal-Providenza.**

# Malta Employees Sports Association (M.E.SA.)





**Il- MESA taf il-bidu tagħha fl-1976 meta l-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport ta' dak iż-żmien, Lorry Sant, kien ħoloq kumitat biex jorganizza kompetizzjoni tal-futbol miftuħa għal kulħadd. F'dik l-ewwel kompetizzjoni ħadu sehem 96 tim li kienu ġejjin minn għaqdiet sportivi, fabbriki, lukandi, dipartimenti tal-Gvern, każini tal-baned u soċjali jew sportivi, ħwienet tax-xorb, u oħrajn. Ġie ffurmat kumitat li beda jorganiza l-kompetizzjonijiet tal-futbol għad-dipartimenti u entitajiet tal-Gvern u kien magħruf bħala l-Government and Parastatal Football League.**

**Maż-żmien il-kumitat beda jorganizza wkoll sports ieħor, fosthom tal-atletika, bowling, darts, pool, snooker, table tennis, netball, sparar u għawm, u bidel ismu għall-Government and Parastatal Sports League. Meta wħud mill-entitajiet tal-Gvern ġew privatizzati, l-isem inbidel għall-Malta Employees Sports Association, biex dawn l-entitajiet ikunu jistgħu jibqgħu jieħdu sehem fl-attivitajiet.**

**Il-futbol dejjem baqa' l-aktar sports popolari fl-għaqda, tant li dejjem kien hemm aktar minn 20 team jieħdu sehem. Dan l-istagun (2014-2015) twaqqaf rekord ġdid bil-parteċipazzjoni ta' 31 tim mqassma fi 3 diviżjonijiet; 9 fl-1 Diviżjoni, 9 fit-2 Diviżjoni u 13 fit-III Diviżjoni. Matul l-istaġun jkunu organizzati wkoll tournaments għall-plejers rġiel li għalqu l-40 sena u anke għall-plejers femminili.**

**Attivitajiet oħra li jiġu organizzati matul l-istaġun jinkludu tellieqa ta' 5km, tournament tad-darts, bowlilng, pool, snooker, table tennis, sparar fuq il-plattini, volleyball u badminton.**

**Il-MESA hija affiljata mal-MFA bħala Member Association u għandha żewġ membri fil-Kunsill tal-istess MFA. Hija reġistrata mal-KMS u fl-2014 affiljat ruħha mal-European Federation for Company Sport (EFCS) bil-President Mark Marlow ikun l-ewwel Malti maħtur membru tal-Kumitat Ezekuttiv tal-EFCS. Il-MESA se tkun qed tieħu sehem għall-ewwel darba fil-loghob organizzat kull sentejn mill-EFCS li ser isir f'Riccione, l-Italja bejn l-4 u s-7 ta' Ġunju 2015.**

**Il-Kumitat tal-MESA huwa ffurmat minn 12-il persuna; sitt ufficjali tal-Kumitat jinħatru mill-Ministru jew mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Isport, waqt li s-sitt membri ordinarji jinħatru mir-rappreżentanti tat-timijiet affiljati waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali.**

# Attivita’ oħra organizzata mill-KMS

**L-attivita’ ser issir f’Selmun Family Park nhar il-Ġimgħa, 22 ta’ Mejju. It-tfal li jattendu Skola Sport ser ikunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet organizzati. Waqt din l-attivita’ ser jkun wkoll imniedi għall-ewwel darba l-programm ta’ Summer on the Move li ser jsir fl-istess park tul ix-xhur tas-Sajf.**

| Time | Activity | Area | Note |
|---|---|---|---|
| 17:30 | Transport departing from from Handaq, Kirkop, Kottonera, Mosta and tal-Qroqq | | |
| 18:30 | Walk | Selmun to Mgiebah | 4KM including return |
| | Athletics (4-8 years) | Athletic Track | |
| | Basketball Clinic (9-16 years) | Pitch | With participation of Basketball Women's National Team |
| | Handball Clinic (9-16 years) | Pitch | With participation of Handball u/17 Men's National Team |
| | Circuit Training (17+) | Open Gym | |
| | Dance Shows and Workshops | Open Area | |
| 20:15 | Dance Party for all | Open Area | |
| 21:00 | Closing / Transport return to Facilities | | |

# Waterpolo tournament għall-iskejjel mill-SPU



**Fil-pixxina Nazzjonali tal-Qroqq qed isiru sessjonijiet mill-SPU (Sport Promotion Unit) għall-istudenti. Ser jkun organizzat wkoll Interschools Waterpolo Tournament li ser isir bejn id-19 u 20 ta’ Mejju**

Huwa l-ħsieb li din il-publikazzjoni tibda’ tintbagħat kull xahrejn. Dawk l-assoċjazzjonijiet li jixtiequ li xi attivita’ li għamlu tidher fuq din il-pubblikazzjoni għandhom jibagħtu ritratt wieħed u informazzjoni dwaru lil janet.debrincat@sportmalta.org.mt. Il-KMS u s-Segretarjat Parlamentari jirriserva d-dritt tal-għażla tar-ritratti li jkunu ppublikati.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIĊERKA, L-INNOVAZZJONI, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-ISPORT